

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Jannar 2008

dwar il-konklużjoni fisem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit liema jkun l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera

(2008/147/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 63(1)(a), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

- (7) Konformement ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u m'hijjex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Artikolu 1

Billi:

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit liema jkun l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera, u d-dokumenti relatati li jikkonsistu fl-Att Finali u mid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar laqgħat konġunti tal-Kumitati Konġunti huma hawnhekk approvati fisem il-Komunità Ewropea.

- (1) Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni fis-17 ta' Ġunju 2002, in-negozjati ma' l-Awtoritajiet Svizzeri, dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera, ġew konklużi.

It-testi ta' dan il-Ftehim, l-Att Finali, u d-Dikjarazzjoni Konġunta huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

- (2) Konformement ma' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2004, u suġġett għall-konklużjoni tagħha f'data aktar tard, il-Ftehim dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit liema jkun l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera ġie ffirmat fisem il-Komunità Ewropea fis-26 ta' Ottubru 2004.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna li jkollha s-setgħa li tiddepożita fisem il-Komunità Ewropea l-Istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 14 tal-Ftehim, sabiex jiġi espress il-kunsens ta' l-Unjoni Ewropea li tintrabat.

- (3) Il-Ftehim għandu issa jiġi approvat.

Artikolu 3

- (4) Il-Ftehim jstabbilixxi Kumitat Imħallat b'setgħat deċiżjonali f'ċerti oqsma u huwa għalhekk neċessarju li jiġi speċifikat min jirrappreżenta l-Komunità fi ħdan dan il-Kumitat.

Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Imħallat stabbilit mill-Artikolu 3 tal-Ftehim.

- (5) Huwa wkoll meħtieġ provvediment għal proċedura li tistipula kif għandha tiġi adottata pożizzjoni Komunitarja.

Artikolu 4

- (6) Konformement ma' l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat

1. Il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt għal dak li jirrigwarda l-adozzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu kif meħtieġ mill-Artikolu 3(2) tal-Ftehim għandha tittieħed mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill.

2. Għad-deċiżjonijiet l-oħra kollha tal-Kumitat Imħallat, il-pożizzjoni tal-Komunità għandha tiġi adottata mill-Kunsill, li għandu jaġixxi permezz ta' maġġoranza kwalifikata, fuq proposta tal-Kummissjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Jannar 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

D. RUPEL
